DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Lulju 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2008/456/KE li tistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5373)

(It-testi fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Germaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż biss huma awtentiċi)

(2009/538/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" [1], b'mod partikolari l-Artikoli 25 u 37(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-dawl tal-esperjenzi b'segwitu għat-tnedija tal-Fond, hu xieraq li jiġi estiż il-perjodu ta' eleġibilità tal-programmi annwali sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw il-Fond b'mod effettiv u tiġi adottata l-iskeda taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

(2) Huwa wkoll xieraq li tiġi adattata l-proċedura għas-sottomissjoni tal-programmi annwali riveduti mill-Istati Membri.

(3) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka implimentat id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE fil-liġi nazzjonali tagħha u għaldaqstant hija marbuta b'din id-Deċiżjoni.

(4) Id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li ma japplikawx għar-Renju Unit, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq [2] sabiex jipparteċipa f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen [3] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/926/KE sussegwenti tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar id-dħul fis-seħħ ta' partijiet mill-acquis ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. Għalhekk ir-Renju Unit mhux marbut minnha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Din id-deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li ma japplikawx għall-Irlanda, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tipparteċipa f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen. Għalhekk l-Irlanda mhix marbuta jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [4], li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u mir-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [5].

(7) Fir-rigward tal-Iżvizzera, id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

[1] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.
[2] ĠU L 395, 31.12.2007, p. 70.
[3] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[4] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[5] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat komuni "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni",

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/456/KE [1] hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 23(1) qed jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sabiex jiġi rivedut il-programm annwali approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 23(4) tal-att bażiku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jressaq abbozz tal-programm annwali rivedut lill-Kummissjoni mill-inqas tliet xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' eleġibilità. Il-Kummissjoni għandha teżamina u, mill-aktar fis possibbli, tapprova l-programm rivedut skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23(4) tal-att bażiku.";

2. Fil-Punt 4.1 tal-Anness V, Parti A, il-kliem "Lista tal-irkupri kollha pendenti fit-30 ta' Ġunju tas-sena N + 2 (N = sena ta' dan il-programm annwali)" jiġi mibdul mill-kliem "Lista tal-irkupri pendenti kollha sitt xhur wara l-iskadenzi ta' eleġibilità għan-nefqa".

3. Fl-Anness XI, il-Punt I.4.1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. L-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati u l-ħlasijiet rispettivi (ħlief għad-deprezzament) li jkunu saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programmi annwali tal-Istati Membri. Il-perjodu tal-eliġibilità huwa sat-30 ta' Ġunju tas-sena N (*)+2, jiġifieri li l-ispejjeż relatati ma' proġett għandhom ikunu ġġenerati qabel din id-data.

(*) Fejn 'N' hija s-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-finanzjament li tapprova l-programmi annwali tal-Istati Membri."

4. Fl-Anness XI, il-Punt V.3. huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. L-attivitajiet marbuta mal-assistenza teknika għandhom jitwettqu u l-ħlasijiet korrispondenti li jkunu saru wara l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament li tkun approvat il-programmi annwali tal-Istati Membri. Il-perjodu ta' eleġibilità jdum mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-programmi annwali kollha li għalihom ma sarx il-pagament tal-bilanċ fid-data tal-adozzjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika tal-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju tal-Olanda, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja u lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President

[1] ĠU L 167, 27.6.2008, p. 1.